Mellieħa

21 ta' Novembru 2024

# ID-DISA' KUNSILL

**AĠENDA Numru 6**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għas-seduta tal-Kunsill Lokali numru **7** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru, 2024 fil-5.30 pm.

Din il-laqgħa ser tkun imxandra mis-sit: https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming u r-*recording* tagħha jista' eventwalment jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

6.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

6.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

6.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

6.4. Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

6.5. Mozzjoni dwar l-Ingaġġ ta' uffiċjal/i klerikali fi Skala 15;

6.6. Għoti ta' onorefiċenzi u apprezzamenti fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill 2024;

6.7. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill;

6.8. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi;

6.9. Estimi Finanzjarji 2025 – Proġetti Kapitali;

6.10. Rendikont Finanzjarju – Lulju / Settembru 2024;

6.11. Kunsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

6.12. Tmiem tal-laqgħa u data għas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

## 6.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef illi tgħid:

"Fid-dawl ta' deċiżjonijiet li ttieħdu f'seduta preċedenti sabiex sar ristrutturar tal-impjegati fis-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll kien hemm żewġ postijiet battala li jeħtieġ jimtlew;

Billi l-Artiklu 53(1)(a) tal-Att dwar Kunsilli (Kap. 363) jipprovdi li l-Kunsill għandu jaħtar lil dawk l-impjegati l-oħra, apparti s-Segretarju Eżekuttiv, li l-Kunsill jidhirlu meħtieġa għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu;

Billi permezz ta' imejl datat 14 ta' Novembru 2024, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, flimkien ma' l-Aġenzija Jobsplus, awtorizzaw l-inġaġġ tas-seba' ufficjal ġdid fuq bażi *full-time,* apparti s-Segretarju Eżekuttiv;

Billi bis-saħħa ta' permezz maħruġ mill-Jobsplus: 392606 fis-6 ta' Mejju 2024 ġew intervistati numru ta' kandidati li kellhom ir-rekwiżiti meħtieġa, kif ukoll sar test prattiku flimkien mat-tieni intervista lill-iktar tlieta li ġabu punti fl-ewwel waħda;

Billi l-Bord tal-Għażla, maħtur mill-Kunsill fis-seduta Nru. 4 tat-30 ta' Settembru 2024, fir-rapport tiegħu tal-14 ta' Novembru 2024, irrakkomanda l-impjieg tas-Sinjuri Claire Psaila Costantino (I.D. 397188M) u Ruth Muscat (I.D. 328080M), li ġabu l-għola marka globali;

Il-Kunsill jirriżolvi li mill-aktar fis possibbli għandu jiġi iffirmat kuntratt tax-xogħol definit għall-perjodu ta' tliet snin mal-persuni msemmija.". (P/7/1/Vol XVI)

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | John Buttigieg |
| **Proponent** | **Sekondant** |